MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 19/2006

**Rita Schembri**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-3 ta’ Lulju, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“L-Arbitru,

Ra d-decizjoni tad-Direttur tat-8 ta’ Frar 2006 fejn intalbet rifuzjoni ta’ ammont li skond id-Dipartiment Rita Schembri kienet irceviet ghall-Ghajnuna ghall-Mard, u dan peress li hija ma kienitx tifforma familja ghal rasha.

Ra l-appell presentat mid-difensur taghha u li gie firmat kemm minnha kif ukoll minn Carmelo Schembri li minnu kienet legalment separata.

Sema' lill-appellanti u lill-ispettur Ian Napier wara li dan ippresenta rapport imhejji wara li ghamlu spezzjoni fid- dar fejn toqghod Rita Schembri; jidher li zewgha, ghalkemm huma separati ghadu joqghod fl-istess dar matrimonjali u l-appellanti stqarret li huwa ghandu impieg regolari ma' Dowty u taf ukoll li ghandu paga ta' Lm156 kull hmistax.

Wara li kkonfermat dan, Rita Schembri stqarret li hija tiehu hsieb tahsillu hwejgu ma' tal-familja, ghalkemm ma jorqdux flimkien u huwa jiekol ghand ommu; f'din l-istess sitwazzjoni kienu ilhom sa min meta iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni f'Settembru 2003, huwa qatt ma telaq mid-dar matrimonjali. Ma rrezultax li d-Dipartiment kien qatt informat b'din is-sitwazzjoni.

Mill-fatti li rrezultaw jidher li d-Direttur kien gustifikat meta ha d-decizjoni imsemmija li jwaqqaf l-ghajnuna u anki li jitlob ir-rifuzjoni tal-ammont mitlub.

Ghaldaqstant dan l-appell qed jigi michud."

Ir-rikorrenti Rita Schembri, bl-appell introdott minnha, ticcensura s-sentenza ta' l-Arbitru u, in partikulari, dik il-parti taghha fejn l-Arbitru irrileva illi d-Dipartiment ma kien qatt infurmat bis-sitwazzjoni illi sa minn meta kien iffirmat il-kuntratt ta' sperazzjoni zewgha qatt ma abbanduna d-dar konjugali;

Brevement, il-fatti li taw lok ghall-appell mir-rikorrenti quddiem l-Arbitru kienu dawn:-

(1) L-appellanti kienet tircievi ghajnuna ghall-Mard ghat-tifla taghha Jessica affetta mid-dijabete. Dan fuq l-applikazzjoni taghha tat-<u>13 ta' Ottubru 2003</u>;

(2) L-appellanti u zewgha kienu nfirdu legalment permezz ta' kuntratt ta' l-4 ta' Settembru 2003, atti Nutar Dottor Joseph Debono;

(3) Fl-1 ta' Frar 2006 l-Ispetturi investigattivi tad-Direttorat tal-Frodi irrilevaw, minn ispezzjoni li ghamlu fil-fond ta' l-appellanti, illi zewgha kien ghadu jirrisjedi fl-istess fond. Fir-rapport taghhom huma rrimarkaw illi fil-fehma taghhom miz-zmien tas-separazzoni "*the couple had ample time to make the necessary arrangements for separate living*" u konsegwentement ikkonkludew li kien hemm "*breach of SA and SKA entitlement*" u l-applikazzjoni kellha allura tigi ri-assessjata "*in view of husband's earnings*";

(4) In bazi ghal din il-konkluzjoni d-Direttur waqqfilha l-assitenza skond avviz li baghtilha fis-7 ta' Frar 2006. Fih inghad illi "gie deciz li m' ghadekx aktar intitolata ghal din l-Ghajnuna ghaliex id-Direttur mhux sodisfatt li qed tifforma familja ghal rasek";

(5) L-istess Direttur ghadda biex talabha r-rifuzjoni tas-somma li thallset lilha ghal din l-Ghajnuna ghall-perijodu bejn il-11 ta' Ottubru 2003 u l-24 ta' Frar 2006. Hu proprju kontra din il-pretensjoni li l-appellanti ressqet l-opposizzjoni u gravam taghha quddiem l-Arbitru;

Jidher minn ezami ta' varji disposizzjonijiet fl-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kapitolu 318) illi dan iponi bhala norma generali in tema ta' assistenza illi l-applikazzjoni, u allura wkoll l-intitolar ghall-ghajnuna specifika, tispetta li ssir, u tigi recepita, minn min hu "kap tal-familja". Ara ad ezempju Artikolu 20 (1) ta' l-Att. Hu dan li hu meqjus mil-ligi li ghandu l-interess legittimu ghall-previdenza socjali. U ghaliex ir-rapport guridiku previdenzjali hu kostitwit fejn ikun jirrizulta li l-applikant huwa "kap tal-familja", meta jinstab li dan mhux hekk il-kaz id-Dipartiment koncenat hu tenut ma japprovax l-applikazzjoni jew jissospendi u jwaqqaf ghal kollox l-ghajnuna jew beneficcju hekk moghtija. Mhux dan biss. L-istess Dipartiment huwa

ntitolat ukoll jirrikjama lura ghandu kull hlas li jkun sar bis-sahha ta' l-approvazzjoni originarja ta' dik l-Ghajnuna;

Huwa dan li fil-kaz prezenti gie prosegwit mid-Direttur appellat. Huwa deherlu li mhux biss kellu jwaqqaf l-ghajnuna izda li jiddomanda wkoll ir-rifuzjoni tal-hlas li sar. Pretensjoni din li kif jirrizulta mis-sentenza appellata sabet l-adezjoni ta' l-Arbitru. Din il-Qorti jidhrilha illi ghall-ahjar kjarezza ghandha tinvestiga separatament iz-zewg aspetti involuti, jigifieri dik tac-cessazzjoni tal-Ghajnuna percepibbli u dik tat-talba ghar-rimbors tal-hlasijiet ta' l-istess beneficcju akkordat;

Kwantu ghall-ewwel aspett din il-Qorti taghmel dawn ir-riljievi:-

(1) Jirrizulta li l-appellanti u zewgha kienu effettivament isseparaw b' kuntratt konsenswali ta' l-4 ta' Settembru 2003. Dan pero` jikkostitwixxi biss presuppost ta' fatt li jista' jigi diskonoxxut mid-Direttur jekk isib li dak il-fatt ma jikkorrispondix mar-realta`, kostitwita minn dik l-investigazzjoni li, mid-dettalji u l-informazzjoni taghha, ma tistax ma tnisselx fih sitwazzjoni ta' incertezza u ta' dubju illi effettivament il-koppja baqghet tabita flimkien bhala "familja", kif din il-kelma hi definita fl-Artikolu 2 ta' l-Att;

(2) Issa hu veru, u fil-fatt qed jigi koncess, illi l-ko-abitazzjoni ma ghandhiex tfisser il-fatt materjali ta' l-abitazzjoni komuni, ghax tista' tezisti qaghda fejn persuni jkunu qed jikkoabitaw ghax kostretti minn cirkustanzi partikulari; ad ezempju, nuqqas ta' mezzi finanzjarji li ma tippermettix li wiehed ikollu sistemazzjoni alternattiva. F' dan il-kaz, pero`, jidher mill-indizji li taghmel l-indagini ta' l-Ispetturi u mill-inferenzi li jitnisslu mir-rapport taghhom illi l-qaghda reali u l-kuntratt tas-separazzjoni huwa pjuttost inkompatibbli in kwantu ghal fatt accertat illi, apparentement, il-hajja familjari baqghet dik li dejjem kienet. Jigifieri dik il-komposizzjoni ta' dik il-komunanza ta' affetti, sentimenti u interessi. Tali hu indikattiv ta' ko-abitazzjoni effettiva;

(3) Dan igib li r-rapport guridiku kostitwit bil-kuntratt ta' separazzjoni ma ghandu ebda effikacja di fronte ghad-Direttur appellat jekk isib, fl-opinjoni tieghu, sitwazzjoni ta' incertezza li ma tkunx giet rimossa bi prova kuntrarja soda mill-appellant. Id-Direttur ghandu mhux biss id-diskrezzjoni imma wkoll id-dover li jaccerta u jhares, fejn il-kaz hekk jissuggerilu, l-ezistenza tar-rekwiziti rikjesti mil-ligi ghall-kostituzzjoni tar-rapport previdenzjali;

(4) In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet id-decizjoni tad-Direttur li jwaqqaf l-Ghajnuna ma tistax titqies irragonevoli u ingustifikata u l-appellanti taht dan l-aspett, ma ghandhiex dritt ghat-tutela tal-ligi u ghas-sussistenza tad-dritt ghal beneficcju li kienet tircievi;

Dan premess, it-tieni aspett relattiv ghad-domanda tar-rifuzjoni jimmerita konsiderazzjonijiet xort' ohra, kif rifless hawn taht:-

(1) Huwa evidenti illi d-Direttur appellat kien xjenti mill-fatt tas-separazzjoni li sehhet qabel l-applikazzjoni. Fir-risposta tieghu stess quddiem l-Arbitru jirrikonoxxi illi l-appellanti kienet legalment separata. Dan jghidu wkoll ir-rapport ta' l-Ispetturi li kkonducew l-investigazzjoni. La dan hu hekk il-kaz wiehed ragonevolment jifhem illi hu kien munit b' kopja tal-kuntratt relattiv meta saret l-applikazzjoni ghall-Ghajnuna mill- appellanti;

(2) Isegwi illi, kif rilevat mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha, id-Direttur kien a konoxxenza tal-patt inserit fil-klawsola 3 (a) ta' l-istess kuntratt. Dak jigifieri illi wara s-separazzjoni l-konjugi kienu ser ikomplu jirrisjedu fl-istess fond sakemm xi hadd fosthom jivvaka minnu. Mhux korrett allura l-Arbitru meta asserixxa li d-Dipartiment ma kienx informat b' din is-sitwazzjoni;

(3) Kif taraha din il-Qorti, l-uzu tad-diskrezzjoni vestita fid-Direttur kellu iva jwassal biex iwaqqaf l-Ghajnuna, una volta mill-fatti akkwiziti mill-investigazzjoni

deherlu li l-appellanti ma kienetx aktar il-“kap tal-familja”. Minn naha l-ohra, meta kien jaf, jew messu kien jaf, bl-istat ta’ fatt fuq espress kostitwit bil-kuntratt ta’ separazzjoni ma jistax ragonevolment jinghad illi gew sottomessi mill-appellanti fil-konfront tad-Dipartiment dikjarazzjonijiet inveridici. Mill-provi in atti hu, anzi, eskluz li gew applikati raggiri intizi li jissorprendu l-bwona fede ta’ l-appellat fl-approvazzjoni tal-Ghajnuna;

(4) Fil-fatt l-istess rapport ta’ l-Investigazzjoni ma jallega xejn minn dan. Jillimita ruhu ghall-konstatazzjoni illi l-konjugi kellhom mid-data tas-separazzjoni zmien ampju biex fih jaghmlu l-arrangamenti mehtiega ghal sistemazzjoni abitativa separata u, in vista ta’ dan, l-appellanti m’ ghandhiex titqies aktar eligibbli ghall-Ghajnuna imma li dik it-talba taghha tigi ri-ezaminata biex jittiehed qies tad-dhul ta’ zewgha. Il-*punctum temporis* ta’ din il-konstatazzjoni u ta’ dik il-fehma ta’ l-Ispetturi, li fuqha strah ghal kollox id-Direttur, hu dak ta’ l-1 ta’ Frar 2006, u allura m’ ghandux ikun aspettat, b’ gustizzja ma’ l-appellanti, illi din tigi ordnata taghmel ir-rifuzjoni mitluba tal-hlasijiet li sarulha meta ghall-effetti kollha hi kienet meqjusa l-“kap tal-familja”. Mhux li qatt ma kienet daqskemm hi, attiza l-investigazzjoni, ma ghandhiex tissokta tigi aktar konsiderata bhala tali ghal futur.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tikkonkorda ma’ l-Arbitru illi d-Direttur kien gustifikat meta waqqaf l-Ghajnuna ghall-Mard, tilqa’ l-aggravju ta’ l-appellanti fir-rigward tat-talba tad-Direttur appellat ghar-rifuzjoni ta’ l-ammont mitlub billi tichad l-istess talba. Konsegwentement, u f’ dan is-sens limitat, tirriforma s-sentenza appellata. Fic-cirkustanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------